# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju 2020**

**Numru 35**

**Rikors numru 253/12 RGM**

**Concetta sive Cettina Portelli**

**v.**

**Angelo Portelli**

**Il-Qorti:**

1. B'sentenza tat-30 ta' Marzu, 2017 f'kawża ta' separazzjoni, il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja iddeċidiet:-

> "*Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet sollevati konformement ma' dak hawn deciz;*
>
> "*1. Tilqa` parzjalment l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan ghal tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.*
>
> "*2. Tilqa` t-tieni talba [markata numru 3 fir-rikors guramentat] u tikkundanna lill- konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) fix-xahar li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja,*

"*3. Tilqa` t-tielet talba [markata numru 4] u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal- akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'effett mil-lum, u tillikwida u tiddividi l-assi komuni skont dak stabbilit u ordnat taht l-intestatura 'Komunjoni tal-Akkwisti'.*

"*4. Tichad ir-raba` talba attrici [markata numru 5].*

"*L-ispejjez jibghu bla taxxa bejn il-partijiet, hlief dawk relattivi ghar-rapport tal- perit legali, u dak tal-perit tekniku, li ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il- partijiet*".

2. Il-parti tas-sentenza intestata *'Komunjoni tal-akkwisti'* taqra:

"*Dar Matrimonjali*

"*Jirrizulta inkontestat illi d-dar matrimonjali nbniet fuq art parafernali tal-konvenut. Dak li ma hemmx qbil dwaru huwa jekk il-bini tad-dar tlestiex qabel jew wara d-data taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. L-attrici tikkontendi illi dak li kien hemm lest fid-data taz-zwieg kien biss il-pedament u l-kantina, filwaqt li l- konvenut jishaq li d-dar matrimonjali kienet lesta izda mhux abitabbli.*

"*Il-Perit Tekniku kkonkluda fir-rapport tieghu illi fil-gurnata taz-zwieg, ix-xoghol tal-bini kien fl-istat li jidher fir-ritratt Dok RTipprezentat mill-attrici (fol 322), cioe` bil-pjan terran u erba` filati mill-ewwel sular mibnija. Huwa jasal ghal din il-konkluzjoni abbazi tal-fatt illi kif jirrizulta minn Dok AP3(fol 317), il-permess hareg fit-23 ta' Mejju 1980, u l-fatt li fi kliem il-konvenut stess il-binja hadet sentejn biex tlestiet. Dan ifisser illi tlestiet madwar Mejju 1982. In kwantu l- partijiet izzewwgu fit-30 ta' Dicembru 1981, hija ragjonevoli l-konkluzjoni illi fil- mument taz-zwieg, l-istat tal-binja kienet dik murija f'Dok RT u cioe` bil-pjan terran u erba` filati mill-ewwel sular mibnija.*

"*Bhall-Perit Legali, din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida sabiex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Tekniku. Kif tajjeb jikkonkludi l-Perit Legali, mis-somma ta' €37,100 f'benefikati valutata mill-Perit Tekniku, irid jitnaqqas il-valur tal-mano d'opera fl-ammont ta' €3,300 in kwantu ma huwiex kontestat li dawn saru mill-konvenut,* ***b'dan illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' sittax-il elf u disa' mitt ewro (€16,900) rapprezentanti sehemha minn tali benefikati****.*

"*L-attrici ghandha tivvaka l-fond matrimonjali sa mhux iktar tard minn sitt xhur mil-lum. Sad-data li fiha l-attrici tivvaka tali fond, il-kontijiet tad-dawl u ilma u servizzi ohra illi jinsabu fid-dar matrimonjali ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet b'mod ugwali.*

"*Mobbli, ghamara, deheb u oggetti ohra*

"*Dwar l-ghamara u oggetti ohra mobbli li jinsabu gewwa d-dar matrimonjali, l- Qorti, filwaqt li taqbel mal-Perit Legali li l-provi in rigward huma tassew skarsi, tordna li dawn l-oggetti jinqasmu bi ftehim bejn il-partijiet. Jekk ma jaqblux dwar kif ghandhom jigu divizi, il-partijiet*

*ghandhom jitolbu in-nomina ta' stimatur sabiex jaghti valur lill-mobbli rimanenti, jigu divizi f'zewg porzjonijiet kemm jista' jkun indaqs, u l-assenjazzjoni taghhom ssir permezz ta' polza.*

"*Vetturi*

"*Jirrizulta qbil bejn il-partijiet illi hemm tliet vetturi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, jew ahjar, Landrover bin-numru ta' registrazzjoni KBL529, Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni IAN529 u Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni FUN527. Ma tirrizulta ebda indikazzjoni dwar fuq min hija registrata kull wahda minn dawn il-vetturi. Fic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti qeghdha tordna illi l-vetturi kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jinbieghu u r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.*

"*Kontijiet Bankarji*

"*B'zieda ma' dak elenkat mill-Perit Legali fir-rapport tieghu, fl-ewwel seduta quddiemu, l-partijiet semmew ukoll xi kontijiet bankarji illi ghandhom f' isimhom, izda naqsu milli jtellghu provi in rigward.*

"*B'referenza ghan-nota pprezentata mill-konvenut fis-7 ta' Dicembru 2016, u l- verbal registrat waqt l-istess udjenza, l-Qorti qed tordna u tiddeciedi illi l-ammont ta' erbat elef, mija u sitta u sittin euro u tmienja u disghin centezmu (€4166.98) li dwaru hemm qbil, jispetta lill-konvenut, filwaqt li l-bqija tal-fondi f'kontijiet bankarji jew investimenti ohra fuq isem xi wahda mill-partijiet jew kongunti, ghandhom jinqasmu ugwalment bejniethom*".

3. B'rikors preżentat fit-18 ta' April, 2017 l-attriċi appellat mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla għaliex tippretendi li kellha tkun assenjata somma flus biex tagħmel tajjeb għas-snin twal ta' ħidma li għamlet fid-dar. Fir-rikors tal-appell talbet lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza tat-30 ta' Marzu, 2017 billi:-

"*a. B'referenza għan-nota preżentata mill-konvenut fis-7 ta' Diċembru, 2016, u l-verbal reġistrat waqt l-istess udjenza, l-Qorti qed tordna u tiddeċiedi illi l-ammont ta' erbat elef mija u sitta u sittin euro u tmienja u disgħin ceteżmu (€4,166.98) li dwar hemm qbil ma jispettax lill-konvenut billi dan l-ammont ġie depożitat fil-massa tal-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk għandu jinqasam bejn il-partijiet.*

"*b.Dwar il-vetturi il-Vitz għandu jinżamm mir-rikorrenti waqt li l-Landrover tinżamm mill-intimat appellat waqt li l-valur tal-Peugeot li nbigħ mill-intimat jinqasam bejn il-partijiet.*

"*c. L-ammont ta' €62,000 huwa dovut lir-rikorrenti appellanti mill-intimat appellat ai finijiet ta' xoljiment ta' komunjoni tal-akkwisti filwaqt li l-bqija tal-fondi f'kontijiet bankarji jew investimenti oħra fuq isem xi waħda mill-partijiet jew konġunti, għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.*

"*d. Dwar id-dar matrimonjali l-ammont dovut lir-rikorrenti wara li jitnaqqas l-ammont ta' 2200 għandu jkun ta' €49,200*".

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

**(i) <u>Is-somma ta' €4,166.98 b'riferenza għall-kontijiet bankarji</u>.**

4. L-attriċi tippretendi li dik is-somma m'għandhiex tittieħed mill-konvenut għaliex "*..... iddaħħlet fil-massa tal-komunjoni tal-akkwisti din għandha tinqasam bejn il-kontendenti*".

5. Fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2016 kien verbalizzat:

"*Dr Bugeja b'nota tippreżenta numru ta' dokumenti li juru illi riċentement il-konvenut flimkien ma' terzi biegħ proprjeta' u sehmu mir-rikavat ġie depożitat mill-Bank HSBC f'kont ġia eżistenti mal-istess bank intestat f'isem il-konvenut u li fih kien hemm depożitat fondi komuni.*

"*Il-partijiet jiddikjaraw illi hemm qbil bejniethom illi l-fondi hekk depożitati kif jirriżultaw mid-dokumenti appena preżentati <u>jappartjenu esklussivament lill-konvenut</u>*".

6. Id-dikjarazzjoni li saret fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2016 hi ċara. Il-partijiet iddikjara li dawk il-flus "*jappartjenu esklussivament lill-konvenut*". Għalhekk il-qorti ddeċidiet a bażi ta' dak li ddikjaraw il-partijiet.

7. Dan apparti li hu evidenti li dawk il-flus kienu ġew minn bejgħ ta' proprjeta` parafernali li fiha l-konvenut kellu sehem. Għalhekk ma kienx qligħ tal-komunjoni tal-akkwisti.

**(ii) <u>Vetturi.</u>**

8. L-attriċi trid li żżomm il-vettura Toyota Vitz (FUN527) filwaqt li l-konvenut jieħu l-vettura Landrover (KBL529).

9. L-ewwel Qorti ordnat li dawk il-vetturi u Peugeot IAN 529 jinbigħu u r-rikavat jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

10. L-attriċi qegħdha ssostni li l-vettura Peugeot IAN 529 kienet inbigħet. Pero` m'hemmx provi dwar dan. Quddiem l-ewwel Qorti l-kawża damet iktar minn erba' snin tinstema' u ma kien hemm xejn x'iżomm lill-partijiet milli jiftiehmu dwar il-vetturi jew iressqu provi. Dan iktar u iktar meta fir-rapport tal-perit legali intqal li hemm tliet vetturi (fol. 339) u waqt it-trattazzjoni ma saritx riferenza għalihom.

11. Fiċ-ċirkostanzi ġialadarba m'hemmx prova tal-valur tal-vetturi Toyota Vitz u Landrover u wkoll prova li l-vettura Peugeot inbiegħet, dak li qegħda tipproponi l-attriċi ma jistax jintlaqa'.

**(iii) <u>Dar Matrimonjali.</u>**

12. L-attrċi tippretendi li l-konvenut għandu jħallasha s-somma ta' disgħa u erbgħin elf u mitejn euro (€49,200). Spjegat:-

> "*xxvi. Ulterjorment ai finijiet tal-valutazzjoni magħmula mill-abbli perit tekniku, il-valur tal-binja ġiet stamata bħala €105,000 għalhekk billi huwa aċċertat mill-fatti illi l-konjuġi daħlu fid-dar konjugali tlett snin wara li żżewwġu u sakemm inbniet id-dar, allura huwa naturali li l-ammont dovut lir-rikorrenti għandu jkun ta' €52,500 (nofs €105,000) u mhux nofs €37,100. Għalhekk l-ammont dovut lir-rikorrent wara li jitnaqqas l-ammont a' €3300 (dovut lill-intimat għandu jkun ta' €49,200)*".

13. Il-perit tekniku għamel stima li l-benefikati li saru waqt iż-żwieġ kienu fl-ammont ta' €37,100 (fol. 310) li minnhom €3,300 kienu xogħol tal-konvenut. Il-partijiet iżżewwġu fit-30 ta' Diċembru, 1981. Skont il-perit tekniku, peress li l-permess ta' żvilupp ħareġ fit-23 ta' Mejju 1980 u l-bini tlesta madwar Mejju 1982 ifisser li tlesta wara ż-żwieġ. Madankollu saż-żwieġ kien hemm diġa' sular mibni. Jirriżulta wkoll li l-fond inbena mill-konvenut.

14. L-attriċi tidher li qegħdha tippretendi nofs il-valur tal-fond. Pero` l-fond hu proprjetà parafernali tal-konvenut. L-attriċi għandha jedd għan-nofs l-ispejjeż tax-xogħlijiet li saru waqt iż-żwieġ.

15. L-attriċi qalet li l-valur tal-binja ġiet stmata fl-ammont ta' €105,000. Pero` ma jirriżultax li l-perit tekniku għamel xi stima f'dak is-sens. F'kull każ dak li qal il-perit tekniku kien:

"*3.1 Preliminarjament, jiġi spjegat illi l-valur ta' benefikat fi propjreta huwa l-valur miżjud li ċertu titjib li jkun sar fl-istess proprjeta iġib fid-data tal-valutazzjoni. Għalkemm il-valur tal-benefikat jiġi affettwat mill-valur minfuq meta sar l-istess titjib, il-valur tal-benefikat illum m'huwiex ekwivalenti għall-istess valur minfuq. Dan billi, iż-żmien li jkun għadda minn fuq l-istess titjib inaqqas il-valur tiegħu (depreciation). Madankollu, f'din il-valutazzjoni qed jittieħed in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi kieku x-xogħol kellu jsir illum dan iqum aktar*".

16. Lanqas ma jirriżulta li wara li kien ippubblikat ir-rapport, l-attriċi għamlet xi kritika għar-rapport tal-perit tekniku. Kull m'għamlet kien li staqsiet lill-perit tekniku jekk il-valuri li hemm fir-rapport humiex valuri tal-lum jew humiex jirreferu għaż-żmien li fih saru (fol. 343). Il-perit tekniku wieġeb:

"*Huma l-valuri tal-benefikati llum fl-istat li huma. Jiġifieri meta saru għoxrin (20) ħamsa u għoxrin (25) sena ilu, kienu inqas. Ovvjament li kienu inqas, ovvjament ġew depreciated matul il-ġranet. Jiġifieri jekk illum wieħed ikollu jbiegħ il-post, iqaċċat dawk il-benefikati minn ġo fih ħa jnaqqas dak il-valur*".

17. Pero` jibqa' l-fatt li bl-istima li għamel il-perit, l-attriċi xorta ser tkun qegħdha tirċievi iktar mill-ispiża attwali li saret għal dawk il-benefikati.

**(iv) <u>Somma ta' €62,000 li tippretendi l-attriċi għax-xogħol tad-dar.</u>**

18. Fl-aħħar nett l-attriċi tippretendi s-somma ta' €62,000 u li fil-fehma tagħha hu dak li kkontribwiet lill-istess komunjoni tal-akkwisti bil-ħidma tagħha. F'dan ir-rigward għamlet riferenza għal sentenzi f'kawża li jitrattaw danni minħabba inċident li fih mara tad-dar tkun sofriet diżabilita permanenti.

19. Il-paragun li qegħda tagħmel l-attriċi m'għandux x'jaqsam. Spjegat:

> "*xiii. ..... Il-FATT ta' mara li bi qbil mar-raġel tagħha ma taħdimx sabiex tkun tista' żżomm id-dar u trabbi l-familja hija għażla li tul medda ta' snin għamluha u ħadua diversi koppji. Din kienet, fil-każ odjern, deċiżjoni meħuda mill-partijiet u f'ebda parti mill-provi prodotti ma jirriżulta li l-intima ma qabilx li l-appellanti għandha tibqa' d-dar iżżomm il-familja, apparti x-xogħol kollu l ikienet tagħmel fl-għalqa tal-partijiet u għat-trobbija tal-annimali tal-partijiet (tali trobbija rriżultat addirittura fl-aċċess miżmum mill-periti legali u tekniċi)......*
>
> "*xx. Il-koppja f'dan iż-żwieġ għamlu l-għażla (illi 36 sena ilu kienet għażla komuni u neċessarja) illi r-rikorrenti kienet ser tieqaf taħdem u tibqa' d-dar trabbi l-familja u tieħu ħsieb id-dar. Ta' din l-għażla issa r-rikorrenti qed tiġi kundannata waqt li l-intimat appellant qed jiġi premjat.*
>
> "*xxi. il-ħajja lavorattiva ta' mara tad-dar ma għandha ebda valur ai finijiet ta' żwieġ li jispiċċa – tenut kont tal-fatt illi x-xogħol tal-mara tad-dar għandu valur – u kif ! Is-sentenzi fuq ċitati jivvalutaw ix-xogħol tal-mara tad-dar bħala xogħol daqslikieku l-mara tad-dar kienet toħroġ għax-xogħol......*
>
> "*xxv. Għalhekk l-ammont ta' €62,000 għandu jkun l-ammont dovut lir-rikorrenti ai finijiet ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti billi huwa l-ammont li hi kkontribwiet lill-istess komunjoni bil-ħidma tagħha*".

20. Għalhekk jidher li l-attriċi qegħdha tippretendi li għandha kreditu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti.

21. L-attriċi m'għamlitx riferenza għal disposizzjoni tal-liġi li jagħtiha jedd li tagħmel pretensjoni bħal dik. Kif qalet hi, l-għażla li tibqa' d-dar għamlitha hi flimkien ma żewġha. Dik l-għażla ma kinitx imposta fuqha.

22. Dak li sar waqt iż-żwieġ kien bis-saħħa taż-żewġ partijiet. Filwaqt li l-mara kienet taħdem fid-dar u tieħu ħsieb il-familja, ir-raġel kien joħroġ

jaħdem u jaqla' l-għixien għall-familja. Kulħadd ikkontribwixxa għall-interess tal-familja b'mod differenti, u li dwaru kien hemm qbil. Il-qasma tal-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti jirrifletti dak. Ħadd mill-partijiet m'għandu jirċievi iktar mill-parti l-oħra minħabba li kien jaqla' l-għixien tal-familja jew għaliex mid-dar kien jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-familja.

23. Dan apparti li skont l-Artikolu 1333 tal-Kodiċi Ċivili:

> "*Il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti għandu jsir billi nofs il-beni u l-passiv tal-komunjoni jinqasmu nofs kull wieħed bejn il-miżżewġin*".

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell tal-attriċi u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Għalkemm l-attriċi hi telliefa fil-kawża, peress li kienet qegħdha tinqeda bl-għajnuna legali, hi meħlusa milli tħallas kull dritt relatat mal-appell.

Giannino Caruana Demajo<br>President

Tonio Mallia<br>Imħallef

Anthony Ellul<br>Imħallef

Deputat Reġistratur<br>mb